# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar, 2025.**

**Numru 20**

**Rikors numru 124/19/1 FDP**

**Maria Viviana magħrufa bħala Vivien Psaila u żewġha Joseph Psaila u wliedhom Etienne Psaila, Melanie Agius mart Kevin Agius xebba Psaila, Alison Duncan mart Swithun Duncan xebba Psaila u Leander Psaila lkoll bħala ġenituri u aħwa tal-mejta Sharon Psaila rispettivament**

**v.**

**Mario Aquilina**

**Il-Qorti:**

1. Din hija kawża dwar il-validità ta' testament *unica charta* magħmul waqt żwieġ li sussegwentement ġie ddikjarat null.

2. Il-fatti ewlenin żvolġew kif ġej:

(i) Qabel iżżewwġu Sharon Psaila u Mario Aquilina xtraw dar flimkien u ħallsuha f'ammonti ndaqs biex eventwalment tkun ir-residenza matrimonjali tagħhom.

(ii) Fis-sena 1998 Sharon ingħatat l-aħbar li kienet effettwata bil-*multiple sclerosis*.

(iii) Sharon u l-konvenut iżżewġu fl-4 ta' Diċembru 2001.

(iv) Fl-24 ta' Mejju 2002 għamlu testament *unica charta* li permezz tiegħu ħallew lil xulxin werrieta universali f'każ li ma jkollhomx ulied meta jmut xi ħadd minnhom. Matul iż-żwieġ ma kellhomx tfal.

(v) F'April 2015 Sharon ġiet interdetta.

(vi) Fid-29 ta' April 2015 it-Tribunal Ekkleżjastiku ddikjara ż-żwieġ null. Id-deċiżjoni ġiet irreġistrata minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar 2016.

(vii) Fis-sena 2016 il-konvenut fetaħ kawża ta' separazzjoni minn ma' martu li għadha pendenti minkejja l-mewt tagħha. F'dik il-kawża qiegħed jippretendi li wiret lil martu in forza tat-testment *unica charta*.

(viii) Sharon mietet fit-30 ta' Ġunju 2018.

3. Fil-11 ta' Frar 2019 il-ġenituri u ħut Sharon fetħu din il-kawża. Fir-rikors ġuramentat, isostnu li billi ż-żwieġ ġie ddikjarat null *ex tunc*, meta sar it-testment Sharon u Mario ma kinux miżżewġin. Testment *unica charta* jista' jsir biss bejn il-miżżewġin (Art. 592 tal-Kodiċi Ċivili). Għalhekk talbu li jiġi ddikjarat null.

4. L-eċċezzjoni ewlenija tal-konvenut hi li minkejja li ż-żwieġ ġie ddikjarat null, jitqies li bejn id-data taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ u d-9 ta' Frar 2016, meta s-sentenza li ddikjaratu null għaddiet in ġudikat, xorta waħda jiskattaw u jibqgħu jeżistu l-effetti ta' żwieġ validu.

5. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ippronunzjat is-sentenza tagħha fit-30 ta' Ġunju 2021. Hija ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u laqgħet it-talbiet tal-atturi. Hija rraġunat li:

(i) Testament *unica charta* jista' jsir biss bejn konjuġi.

(ii) Art. 20 tal-Kap 255 isalva l-effetti taż-żwieġ favur kull parti li żżewġet in *bona fede*.

(iii) Jekk il-konvenut kienx jaf illi Sharon Psaila kellhiex il-marda ta' *multiple sclerosis* jew le fil-mument illi żżewwiġha, ma jistax jimpinġi fuq l-element ta' *bona fede da parte* tiegħu meta huwa żżewwiġha. L-argument tal-partijiet fuq *bona fede* mhuwiex rilevanti, għaliex it-testment huwa fi kwalunkwe każ invalidu minħabba li Sharon kienet inkapaċi li tiddisponi b'testment minħabba l-kundizzjoni medika tagħha (Art. 597(d) tal-Kodiċi Ċivili).

6. Il-konvenut ħassu aggravat bis-sentenza u appella minnha. Jilmenta li:

**L-ewwel aggravju:** In-nuqqas ta' kapaċità mentali ta' Sharon meta għamlet it-testment, u li fuqha straħet l-Ewwel Qorti biex waslet għad-deċiżjoni tagħha ma kinitx waħda mill-kawżali fir-rikors promotur. Lanqas ma saru provi dwarha jew dibattuta mill-partijiet. Fit-termini tal-Art. 790 tal-Kap. 12, is-sentenza hija nulla minħabba kunsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' liġi dwar kawżali li la tirriżulta mill-att promotur, u lanqas ġiet trattata fis-smigħ.

7. L-appellati wieġbu li (i) ma kienx hemm għalfejn jitolbu dikjarazzjoni li l-mejta ma kellhiex kapaċità mentali għaliex dan ġie ddikjarat fis-sentenza tat-Tribunal Ekkleżjastiku aċċettata miż-żewġ partijiet; (ii) ikun hemm *extra petita* meta tiġi sostitwita għall-azzjoni jew domanda avvanzata mill-

attur, azzjoni jew domanda differenti. L-Ewwel Qorti m'għamlet xejn minn dan.

8. Din il-Qorti tqis li biex jiġi stabbilit jekk il-Qorti ddeċidietx lil hinn minn dak mitlub, irid qabel xejn jiġi ċċarat x'wieħed jifhem bil-kelma "domanda" (ġudizzjarja). Id-domanda mhix sempliċiment l-oġġett immedjat tal-att promotur, jew "*cio che è attualmente domandato*[1]." Id-domanda tiġi identifikata mhux biss mill-oġġett tagħha, imma wkoll mill-kawżali (*causa petendi*); il-*fundamentum agendi* tagħha; dik li tiġi mill-parti azzjonanti adottata bħala bażi tal-pretiża avvanzata; l-espożizzjoni tal-fatti u tal-elementi tad-dritt li jiffurmaw ir-raġunijiet tad-domanda. "**Din s'intendi għandha l-iskop li sservi biex tiċċirkoskrivi l-għarfien mill-ġudikant tal-miżura preċiża intiża mill-parti. Din biss, u mhux xi kwestjonijiet jew konsegwenzi oħra"**[2].

9. Il-fatt ġeneratur jidentifika d-domanda, u l-*petitum* irid jikkonforma magħha. Il-Qorti ma tistax tbiddel il-fatti kostituttivi, jew tibbaża fuq realtà fattwali mhux dedotta u allegata fil-ġudizzju mill-partijiet, sakemm ma tkunx tista' tqajjimha *ex officio*. Saħansitra lanqas tista' tibbaża ruħha fuq fatti li, għalkemm jirriżultaw minn xhieda prodotti jew dokumenti esibiti, ma jkunux oġġett ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet.

---

[1] William Leonard v. Dr. Francesco Sammut, 01.10.1887 Qorti ta' l-Appell.
[2] Adriana Testaferrata Abela v. Joseph Azzopardi 12.07.2007 Qorti tal-Appell (Inferjuri), Imħ. Philip Sciberras.

10. F'dan il-każ, il-fatti miġjubin fir-rikors promotur huma ż-żwieġ; il-ħall tiegħu; u t-testment *unica charta* magħmul bejn iċ-ċelebrazzjoni u x-xoljiment tiegħu. Il-pretenzjoni tal-atturi hija li t-testment mhux validu billi, **minħabba l-effett retroattiv tal-ħall taż-żwieġ**, it-testaturi jitqiesu li ma kinux miżżewġin mentri testment ta' din ix-xorta jista' jsir biss minn koppja miżżewġa. Il-Qorti ma ddeċidietx fuq dan il-kweżit. Li għamlet kien li rreferiet għal fatt ieħor – l-allegata **inkapaċità mentali tat-testatriċi** - u ddikjarat, abbażi ta' dan il-fatt, li t-testment kien null. Fatt li l-atturi la allegaw u lanqas straħu fuqu bħala raġuni għat-tħassir tat-testment.

11. Fl-aħħarnett, l-atturi nfushom jagħrfu li Sharon Psaila kienet f'sensiha meta għamlet it-testment. Fil-ħames paragrafu tar-rikors ġuramentat jipremettu li "**sakemm bintha kienet għadha f'saħħitha** hija u l-konvenut kienu għamlu testament *unica charta*…"

12. Għal kull bwon fini, din il-Qorti żżid li l-inkapaċità li tikkuntratta żwieġ validu ma tfissirx bilfors inkapaċità li tagħmel testment.

13. L-ewwel aggravju huwa validu u qiegħed jiġi milqugħ.

14. **It-tieni aggravju:** L-Ewwel Qorti żbaljat meta ddeċidiet li l-*bona fede* tal-konvenut hija rrilevanti.

15. Għal dan l-aggravju, l-appellati wieġbu li (i) Art. 20 tal-Att taż-Żwieġ ma japplikax għaliex "iż-żewġ partijiet ma ġiex iddikjarat li żżewġu in *bona fede*" u (ii) ma kien hemm l-ebda proprjetà fil-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk mhux applikabbli Art 20(3) tal-istess Att.

16. Din il-Qorti taqbel mal-appellant li l-Ewwel Qorti kellha tqis kienx hemm *bona fede* jew le da parti tal-appellant billi dan jeffettwa jekk hemmx l-effetti ta' żwieġ validu fil-konfront tiegħu.

17. Għalhekk dan l-aggravju huwa milqugħ ukoll.

18. *In vista* ta' dan, din il-Qorti sejra tqis jekk Mario Aquilina żżewwiġx in *bona fede*.

19. Skont Art. 23 tal-Att taż-Żwieġ id-deċiżjoni tat-Tribunal Ekkleżjastiku tikkostitwixxi ġudikat. Dak it-Tribunal sab li "*from the above testimony applying the medical data on multiple sclerosis to Sharon's case, moral certainty can be reached that at the moment of marital consent, Sharon lacked discretion for marriage and was unable to assume marital obligations because she had been suffering from this condition for four*

*years before the wedding and her condition had already been deteriorating*". Din kienet l-unika kawża tan-nullità taż-żwieġ li sab it-Tribunal. Ma sab l-ebda ħtija da parti tar-raġel.

20. F'dan il-kuntest, *mala fede* tfisser għarfien tal-kawża tal-invalidità fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ. Għalhekk l-appellat kien *in mala fede* jekk kien jaf li martu ma kinitx kapaċi tidħol għar-responsabbilità taż-żwieġ[3], anke jekk ma kien jaħti xejn għal dan in-nuqqas ta' kapaċità. Il-*bona fede* hi preżunta. Il-piż tal-prova li r-raġel kien jaf li ż-żwieġ kien null meta ċċelebrah huwa fuq l-atturi.

21. Ma saret l-ebda allegazzjoni fir-rikors promotur li Mario kien *in mala fede*, anke għaliex bil-mod kif ġie kkonfezzjonat ir-rikors promotur, il-*bona* jew il-*mala fede* tiegħu kienu irrelevanti. Kif diġà ngħad, l-atturi jsostnu *sic et simpliciter* li billi ż-żwieġ ġie ddikjarat null *ex tunc*, jitqies li meta sar it-testment Sharon u Mario ma kinux miżżewġin u għalhekk ma setgħux jagħmlu dan it-tip ta' testment (Art. 592 tal-Kodiċi Ċivili).

22. B'danakollu, l-*bona fede* ssir rilevanti *in vista* tal-eċċezzjoni tal-konvenut dwar iż-żwieġ putattiv.

---

[3] Skont Andrea Torrente & Piero Schlesinger, *Manuale di Diritto Privato* 18th ed. (sena 2007) § 584 *Il matrimonio putativo:* il-konjuġi jkunu *in bona fede* jekk *"ignoravano, al momento della celebrazione, il vizio che inficiava le loro nozze*".

23. Bażi tal-azzjoni tal-atturi hija d-deċiżjoni tat-Tribunal Ekkleżjastiku. Dan ikkonstata li "*there is no reason to doubt Mario's credibility that he was not aware of what his fiancée suffered from. From the testimony, it can be ascertained that he was very much in love with Sharon and was very naïve not to question the nature of her illness and not to enquire about it since she was often being unwell*". Din id-dikjarazzjoni tat-Tribunal tagħmel stat bejn il-partijiet u ma tistax tiġi attakkata. Dan kif stabbilit mill-ġurisprudenza:

> "Illi hemm ukoll motiv ieħor li fuqu s-sustanza tal-kontenut tad-depożizzjoni in kwistjoni… setgħet tiġi użata qalb il-materjal probatorju ta' din il-kawża. dan huwa l-fatt li xi partijiet ta' dik id-depożizzjoni ġew, bħala riżultat… tad-deliberazzjoni tal-Qorti, inkorporati fis-sentenza tal-kawża tal-iżgumbrament. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fi… *Xuereb utrinque*[4] segwita minn din il-Qorti l-istess presjeduta f'Sciortino utrinque[5], għallmet li **l-ġudikati preċedenti u l-konstatazzjoni tal-fatti li jimplikaw fil-konfront tal-partijiet għandhom jiġu meħuda bħala deċiżivi għax għall-partijiet jagħmlu stat definittiv**.[6] Huwa veru li dawn il-preċedenti huma ta' proċessi… (li) lanqas ma jista' jingħad li fihom il-mertu kien identiku… Il-mertu m'hemmx bżonn li jkun identiku, anzi larament jista' jkun hekk, cjoe` biss fil-każijiet ta' xi liberazzjoni *ab observantia* mħabba xi eċċezzjoni ritwali, għax inklele` ikun hemm l-ostaklu tar-*res judicata*. F'dan il-każ il-partijiet ta' din il-kawża kienu wkoll partijiet fl-ewwel kawża u l-mertu huwa intimament konness. Għaldaqstant il-Qorti għandha l-fakolta`li tieħu in konsiderazzjoni dawk il-partijiet tas-sentenza… li ma humiex sempliċi riepilogu tal-versjonijiet konfliġġenti tax-xhieda imma jikkostitwixxu veri u proprji ***findings of facts*** u li minnhom jemmerġu, bħala fatti ġudizzjarjament konstati (u għalhekk mhux iżjed kwistjoni ta' importazzjoni ta' prova testimonjali minn proċess ċivili għall-ieħor).[7]"

[4] Kollez. XXXVII.i.411.
[5] 23.06.1964.
[6] L-enfasi ġiet miżjuda minn din il-Qorti.
[7] Anni Cuschieri v Paolo Vella 30.06.1965 Prim'Awla (Imħ. Maurice Caruana Curran) XLIX.ii.1001.

24. It-Tribunal Ekkleżjastiku wasal għall-konstatazzjoni tal-*bona fede* ta' Mario wara eżami bir-reqqa ta' għadd ta' provi, inklużi dawk ta' ħutu u saħansitra ta' martu stess. Huwa sab li x-xhieda ta' Sharon kienet tikkorrobora l-verżjoni tal-fatti kif ġraw b'mod ġenerali u jikkontradixxu l-verżjoni li tat ommha.

25. L-atturi jistrieħu fuq ix-xhieda tal-psikjatra Anton Grech li xehed li l-konvenut dejjem kien jakkumpanja lil martu fl-appuntamenti miegħu fl-isptar. Ħaġa miċħuda kategorikament mill-konvenut anke waqt kontroeżami sserrat li għamlitlu l-abbli avukat tal-konvenuti. Il-konvenut saħaq li beda jmur ma' martu meta żżewwġu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, id-depożizzjoni tal-psikjatra ma kellhiex tiġi ammessa għaliex kif għadha kif spjegat il-*bona fede* ġiet definittivament stabbilita mit-Tribunal Ekkleżjastiku. Imma anke kieku dan mhux il-każ, il-visti kienu għand il-psikjatra mhux għand l-espert neuroloġiku. Barra minn hekk il-psikjatra qal li lil Sharon qatt ma qalilha li tista' tiġi fi stat veġitattiv u li tista' tiġi interdetta; li ħadd ma jista' jbassar il-progress tal-kundizzjoni; u li ftit jispiċċaw fl-istat li spiċċat fih din il-pazjenta. Għalhekk, anke jekk għall-grazzja tal-argument il-konvenut sar jaf mingħand il-psikjatra x'marda kellha Sharon, dan ma jfissirx bilfors li kien jaf bil-konsegwenzi tagħha.

26. Fil-fatt il-provi kollha quddiem it-Tribunal Ekkleżjastiku juru li sar jaf bil-gravita` tal-marda biss wara ż-żwieġ. Din il-Qorti nnotat ukoll b'mod

partikolari l-kumment irreġistrat fis-sentenza tat-Tribunal dwar dak li xehed Dr. George Grech, li kien it-tabib tal-familja ta' Sharon Psaila, li "*Mario insists that at the time, he was told* (partikolarment minn omm Sharon) *it was a virus and he believed them without asking questions… **this is referred to as possible by the doctor who has doubts about Mario's intellectual abilities to understand the gravity of the illness***"[8]**.**

27. Skont il-parti tal-Art. 20 tal-Att dwar iż-Żwieġ (Kap 255) li jiswa għal din il-kawża:

> "(1) Jekk żwieġ ikun dikjarat null **l-effetti ta' żwieġ validu** għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret *res judicata* meta l-miżżewġin ikunu żżewġu in bona fide.
>
> -omissis-
>
> (3) Jekk waħda biss mill-partijiet kienet in bona fide **dawk l-effetti** japplikaw favur tagħha…"

28. Din id-dispożizzjoni, li saret permezz ta' emenda fil-liġi fis-sena 1981, daħħlet il-kunċett taż-żwieġ putattiv biex dawk li jiċċelebraw żwieġ *in bona fede* li mbagħad jinħall ma jsibux ruħhom lampa stampa. Għalhekk il-leġislatur ħaseb biex l-effetti ta' żwieġ validu jibqgħu jgħoddu favur persuni bħal dawn. Il-fakultà li jsir testament *unica charta* hija privileġġ

[8] Paġna 11 tas-sentenza tat-Tribunal Ekkleżjastiku, fl-ewwel faċċata tal-parti intitolata *In Facto.* L-enfasi ġiet miżjuda minn din il-Qorti.

riżervat esklussivament għall-miżżewġin. Għalhekk hija per eċċellenza waħda mill-effetti tar-rabta konjugali.

29. Billi Mario Aquilina żżewweġ *in bona fede*, it-testment *unica charta* jibqa' validu.

30. Mhux valida s-sottomissjoni tal-atturi appellati li l-proprjetà in kwistjoni ġiet akkwistata qabel iż-żwieġ u allura mhix milquta bl-Art. 20. L-effett mhux il-proprjetà imma l-fakultà li tagħmel testament *unica charta*.

***Decide***

31. Għal dawn il-motivi, ikkunsidrati ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi; tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-atturi appellati.

32. Spejjeż taż-żewġ istanzi a kariku tal-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da